Mill-Arkivju tal-Kurja:

# RIKORSI GĦAL ERBA' OPRI ARTISTIĊI FIL-KNISJA TA' SAN ĠORĠ

Kitba ta' Dr. Joseph F. Grima

Ftit xhur ilu ippubblikajt ġrajjet il-Parroċċa San Ġorġ b'ħafna tagħrif siewi u kultant ġdid. Iżda bħalma ktibt fid-daħla, ir-riċerka hi ħaġa kontinwa u dejjem hemm x'wieħed jiskopri jew jikkonferma. Għaddewli f'idejja[1] erba' rikorsi mill-arkivju tal-Kurja Arċiveskovili li jkomplu jikkonfermaw, u jagħtu wkoll xi ħjiel ġdid, fuq dak li nkiteb dwar erba' opri artistiċi fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ.

## 1. Il-Pittura tal-Koppla



*1. Dettall mill-pittura tal-koppla, xogħol ta' Ġużeppi Briffa*

Ir-rikors ippreżentat fit-13 ta' Novembru 1935 sar minn Dun Ġużepp Cassar segretarju tal-*Kumitat għad-Dekorazzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Casal Curmi.* Inkiteb li dan il-kumitat, taħt il-presidenza tal-Kappillan Dun Anton Vella, kien ilu x-xhur jiltaqa' biex jagħti bidu għal xogħol ta' tisbiħ fil-knisja. Il-kumitat iddeċieda li jiddekora l-koppla billi titpitter l-iskutella tagħha b'rappreżentazzjoni ta' fatt ċitat minn Cornelio u awturi oħrajn: l-episodju tal-ħarba tal-Mori meta dehru l-Appostlu San Pawl, San Ġorġ Martri u Santa Agata Verġni u Martri biex jiddefendu 'l Malta u jkeċċu lill-għadu. Il-kumitat ħalla x-xogħol ta' pittura u dekorazzjoni f'idejn il-pittur Malti l-Professur Giuseppe Briffa li, min-naħa tiegħu, ippreżenta lill-Ġunta ta' l-Antikitajiet l-abbozzi tax-xogħlijiet li kienu ser isiru biex jiġu approvati. Ir-rikors ikompli jgħid li, permezz ta' ġbir li kien isir kull ġimgħa mit-toroq tar-raħal, kellu f'idejh is-somma sabiħa ta' madwar 800 liri sterlini li tqieset biżżejjed biex jitħallsu l-ispejjes.

Ir-rikors intlaqa' u ġie approvat, anzi jidher li l-abbozzi ntgħoġbu ħafna għax l-approvazzjoni uffiċċjali tinkludi dawn il-kliem: *approvato con lode.*[2] Bħalma nafu, x-xogħol sar u ġie inawgurat fl-1938.

[1] Ħajr mill-qalb lill-ħabib tiegħi, il-pittur u kollega Lino Borg, li għoġbu jgħaddili r-referenzi li fuqhom hu msawwar dan l-artiklu.
[2] Arkivju Arċiveskovili Floriana (AAF), *Ricorsi 1935*, Vol. I, *Ricorso 121.*

## 2. Il-Gandlieri tal-Fidda ta' l-Artal Maġġur



Id-disinn tal-gandlieri tal-fidda minn id Manwel Buhagiar.

Dan ir-rikors ġie ppreżentat fl-1 ta' Ġunju 1949 u jgħid li kien hemm il-ħsieb li jiġu ordnati tlettax-il gandlier tal-fidda għall-artal maġġur. Ikompli li l-ħsieb kien li t-twettieq tax-xogħol jiġi afdat lid-ditta Riccardo Politi, deskritta bħala *fornitoredi Sua Emm: Cardinale Arciverscovo di Milano*, li r-rappreżentant tagħha f'Malta kien is-Sur Carmelo Sapiano. Din l-opra tqieset li kienet ser tiswa madwar 2,500 liri sterlini. Ir-rikorrent kien qed jippreżenta d-disinn ta' gandlier, kopja ta' dak li kien diġa' jeżisti fil-knisja parrokkjali, li miegħu żdiedu xi ftit fjuri li saru mid-disinjatur Emmanuele Buhagiar minn Casal Paola. [3]

Bħalma hu magħruf, il-gandlieri saru u żżanżnu fl-1951 bl-ispiża totali tkun ta' 2,132 liri sterlini. Ovvjament, jitgawdew kull sena fuq l-artal maġġur fil-festa tat-titular.

## 3. Ir-Raġġiera tal-Vara ta' San Ġorġ

Rikors pjuttost qasir sar fl-4 ta' Lulju 1956 u ġie approvat fl-14 ta' Awwissu 1956. Jgħid li s-Sinjorina Carmela Borg u s-Sinjura Giuseppa Camilleri [4] kellhom wegħda li jagħmlu raġġiera (imsejħa *nimbus*) tad-deheb għall-istatwa titulari ta' San Ġorġ Martri. Għal dan il-għan ipprepara disinn Mastru E. Buhagiar li pie ammess mar-rikors. L-istima tax-xogħol saret mill-arġentira E. Pirotta tan-Naxxar u kienet ta' 500 liri sterlini. [5]



*Ir-raġġiera tad-deheb tal-vara ta' San Ġorġ, fuq disinn ta' Manwel Buhagiar.*

## 4. Il-Kwadru ta' San Franġisk

Dan is-sotto-kwadru qiegħed fuq l-artal tal-Kunċizzjoni u sar ftit aktar minn erbgħin sena ilu. Ir-rikors jagħtina l-istorja għaliex sar dan il-kwadru flok ieħor u wkoll għaliex intgħażel San Franġisk.

Ir-rikors isemmi li l-altar fl-1959 kien dedikat lill-

[3] AAF, *Ricorsi 1949*, Vol. 2 (168-352).
[4] Hawnhekk kien hawn żball żgħir fir-rikors għax kienu s-Sinjura Borg u s-Sinjorina Camilleri; inqalbet in-nomenklatura.
[5] AAF, *Ricorsi 1956*, Vol. 4. *Ricorso 558*. Dwar l-istima, id-dokument isemmi biss il-figura 500 u xejn aktar. Wieħed jassumi li dawn huma liri sterilini, il-valuta legali wżata dak iż-żmien f'Malta.

Kunċizzjoni u li taħtu kien hemm sotto-kwadru tal-Madonna bil-Bambin Ġesu'. Fil-vista pastorali ta' Marzu 1957, l-arċisqof (li dak iż-żmien kien Monsinjur Mikiel Gonzi) irrimarka għall-fatt li kien hemm żewġ kwadri tal-Madonna fuq l-istess artal u rrakkomanda li s-sotto-kwadru jinbidel ma kwadru ta' xi qaddis ieħor.

Ir-rikors ikompli jgħid li fuq l-artal sikwit kienu jqegħdu kwadru ta' San Franġisk t'Assisi billi l-artal kien fi ħsieb it-Terzjarji ta' San Franġisk. Allura kienu waslu għall-konklużjoni li jibdlu l-kwadru tal-Madonna bil-Bambin Ġesu' ma' wieħed ta' San Franġisk. Ir-rikors għalaq billi espona li t-teżorier u t-terzjarji kellhom il-ħsieb jikkommissjonaw lill-Professur E.V. (Emvin) Cremona biex ipitter dan il-kwadru u għaldaqstant ippreżentaw abbozz mat-talba li kienu qegħdin jagħmlu. Għal kwadru kien hemm ħlas ta' 50 liri sterilini li diġa' kienu f'idejn it-teżorier.[6]

Dan il-kwadru tlesta minn Emvin Cremona, tqiegħed fuq l-artal fl-1960, u għadu hemm sallum.

---

Minn dawn ir-rikorsi nisiltu diversi preċiżazzjonijiet, inklużi stimi ta' ħlas u d-dati eżatti meta ntalab u / jew inqala' l-permess biex issir l-opra. B'hekk inkomplu dejjem indammu tagħrif siewi dwar l-istorja tal-parroċċa tagħna u, f'dawn il-każijiet partikolari, fl-istorja ta' l-arti f'pajjiżna.

[6] AAF, *Ricorsi 1957*, Vol IV, *Ricorso* 620




Contact Claire Chetcuti Itec, Ihbc Diploma in SemiPermanent Make-Up UK.

"Madame Marie",
96, Main Street, Qormi.
Tel: 21 495 103,
Mob: 9942 3894.
Open all day
Tuesday to Saturday

# Madame Marie Beauty Salon

THE ULTIMATE BODYSHAPER GIVES YOU ULTRAFAST & ULTRA SAFE RESULTS

*Other Treatments Available*

- Manicures / Pedicures
- Facials
- Waxing
- Semi Permanent Make-Up
- Electrolysis
- Make up for all occasions
- Nail Art
- Acrylic Nails
- Eyelash Shaping & Tinting
- Electrolysis
- Laser Therapy by Medical Personnel
- Vein Removal by Medical Personel

ULTRATONE™

- Lose 6 inches overall.
- Say 'goodbye' to a sagging stomach.
- Remove unsightly bulges.
- Just relax and let Ultratone do the work.
- Tone your muscles and get rid of cellulite.
- Transform the shape of your waist, hips and thighs.
- Enjoy the rewards of a more curvaceous figure without any effort.